**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 7 ta' Marzu 2023**

Rikors Numru: 403/22 AL

AB

vs

CD

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-esponent u l-intimata zzewgu fil-knisja ta' Giezu, r-Rabat, Malta, fil-11 ta' Awissu 2007, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku bic-Certifikat taz-Zwieg numru 1366/2007 (Dok. A).
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, li jisimha XD, li ghandha tlett (3) snin.

3. Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin minn minn Settembru 2019 u sseparaw legalment b'kuntratt tan-Nutar dottor Maria Roberta Galea Mamo tat-tlieta (3) ta' Settembru elfejn u dsatax (2019) (Dok. B).

4. Illi l-esponent u martu huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, u għandhom il-mezzi biex jipprovdu ghalihom infushom, u għalhekk hadd minnhom ma jippretendi ebda hlas ta' manteniment minghand l-iehor, la ghaz zmien li ghadda u lanqas ghall-futur. Effettivament bil-kuntratt tas-separazzjoni msemmi, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (klawsola 4).

5. Illi l-manteniment dovut mill-esponent ghall-bzonnijiet tal-minuri XBD jinsab imhallas kollu, u dejjem thallas skond kif dovut u minghajr tardivita'.

6. Illi ma hemm ebda prospettiva ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

7. Illi għalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai terminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg imsemmi numru 1366/2007;

(2) tordna lir-Registratur javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Settembru, 2022;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla twiegeb fuq domanda tal-Qorti li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Settembru 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.